



2026/237

12.2.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 252/2025

tal-24 ta' Ottubru 2025

li temenda l-Anness XXII (Liġi dwar il-kumpaniji) tal-Ftehim ŻEE [2026/237]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2025/1047 tas-27 ta' Mejju 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1803 rigward l-Istandard Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 9 u l-Istandard Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 7 ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XXII tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 10bb (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/1803) tal-Anness XXII tal-Ftehim ŻEE:

“— **32025 R 1047:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2025/1047 tas-27 ta' Mejju 2025 (ĠU L, 2025/1047, 28.5.2025).”

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) 2025/1047 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-25 ta' Ottubru 2025, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsimha taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

⁽¹⁾ ĠU L, 2025/1047, 28.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1047/oj>.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.